MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 73/2007

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**I.R.I.S Limited (C-15560) u Nicholsons The Supermarket Limited (C-16188)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' tlett elef u hamsa u tletin Lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm3,035.20), illum ekwivalenti ghal €7,070.11, bilanc minn somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-serivizzi telefonici bin-numri 322792/5 u 322800, skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mar-Rikors u markati bhala Dok. "A" sa' Dok. "E", bl-imghax legali dekoribbli mill-31 ta' Mejju 2002, id-data ta' l-ittra ufficjali, sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez legali u taxxa fuq id-drittijiet professjonali, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 31 ta'

Mejju 2002, kontra s-socjetajiet konvenuti. Rat id-dokumenti markati Dok. “A” sa’ Dok. “E” annessi mar-Rikors promotur[1];

Rat ir-Risposta tas-socjetajiet konvenuti permezz ta’ liema jeccepixxu li: (i) fl-ewwel lok il-kliem “Nicholsons The Supermarket” ma jfisser xejn peress illi dan huwa isem li kellu supermarket u li ma ghandu ebda personalità guridika; (ii) jekk l-intenzjoni tas-socjetà attrici kienet li titharrek is-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited, bejn din ta’ l-ahhar u s-socjetà attrici ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika in kwantu jirrigwarda d-debitu msemmi fl-Avviz; (iii) l-amont rikjest irid jigi verifikat u jrid jigi stabbilit li l-konvenuti jew xi hadd minnhom huwa responsabbli ghall-ammont mitlub; u li (iv) l-ammont mitlub huwa preskritt ai termini ta’ l-Artikolu 2256(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-Digriet datat 9 ta’ Jannar 2008 li bih isem is-socjetà attrici Maltacom gie sostitwit bl-isem “GO” u rat id-Digriet datat 11 ta’ Gunju 2008 li bih wara l-kliem “Nicholsons The Supermarket” giet mizjuda l-kelma “Limited”;

Rat il-Kapitolu pprezentat kontra s-socjetajiet konvenuti u semghet ix-xhieda moghtija minn Tonio Ciantar, Direttur tas-socjetajiet konvenuti, waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Jannar 2008[2] in risposta ghal dan il-Kapitolu;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-P.L. Noel Scerri waqt is-seduti tal-21 ta’ Mejju 2008[3], tas-26 ta’ Jannar 2009[4] u tat-12 ta’ Mejju 2009[5] u rat id-dokument minnu esebit u markat bhala Dok. “NS” a fol. 33 tal-process, u x-xhieda ta’ Tonio Ciantar waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010[6];

Rat l-ittra ufficjali datata 31 ta’ Mejju 2002 esebita mis-socjetà attrici u markata bhala Dok. “X” a fol. 35 tal-process;

---

[1] Fol. 2 sa’ 6 tal-process.
[2] Fol. 25 u 26 tal-process.
[3] Fol. 31 sa’ 32 tal-process.
[4] Fol. 38 sa’ 40 tal-process.
[5] Fol. 42 sa’ 43 tal-process.
[6] Fol. 49 sa’ 52 tal-process.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' Lm3,035.20, illum ekwivalenti ghal €7,070.11, bilanc minn somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 322792/5 u 322800. Is-socjetajiet konvenuti jilqghu ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) il-kliem "Nicholsons The Supermarket" ma jfisser xejn peress illi dan huwa isem li kellu supermarket u li m'ghandu ebda personalità guridika; (ii) bejn is-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited u s-socjetà attrici ma hemm ebda relazzjoni guridika; (iii) l-ammont pretiz ghandu jigi verifikat u jrid jigi stabbilit jekk is-socjetajiet konvenuti jew xi hadd minnhom huwiex responsabbli ghall-ammont mitlub; u li (iv) l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2256(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti giet sorvolata b'Digriet datat 11 ta' Gunju 2008, li bih gie awtorizzat li wara l-kliem "Nicholsons The Supermarket" tizdied il-kelma "Limited", u ghaldaqstant il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni. It-talba attrici ghalhekk ghandha tigi ikkunsidrata fid-dawl tar-rimanenti tlett eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet konvenuti, li minnho ghandha tigi trattata l-ewwel l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Is-socjetajiet konvenuti jikkontendu li t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2256(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda minn ezami tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament tat-Titolu XXV dwar il-Preskrizzjoni, jirrizulta li ma hemm ebda terminu ta' preskrizzjoni kontemplat fl-Artikolu 2256(f) u addirittura lanqas biss jezisti tali artikolu fil-Kodici Civili. Madanakollu l-Qorti ma tqisx li fil-kaz in ezami ghandha tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in bazi ghall-principju li *l-Qorti ma tistax 'ex officio' taghti effetti ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti*

*interessata – artikolu 2111 tal-Kodici Civili – u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha*[7]*,* ghaliex fil-fehma Taghha dan huwa kaz car ta' *typing error* u l-Artikolu li fuqu s-socjetajiet konvenuti riedu jibbazaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kien u hu l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li, kif ormai ben stabbilit fis-sistema guridika nostrali, huwa terminu preskrittiv applikabbli f'materja ta' krediti ta' hlas ghas-servizz tat-telefon, inkluza kera ta' l-apparat[8].

Is-socjetà attrici tirribatti din l-eccezzjoni billi tikkontendi li t-terminu preskrittiv gie interott, l-ewwel b'pagamenti effettwati fl-1998 u in segwitu bil-prezentata u notifika lis-socjetajiet konvenuti ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Mejju 2002[9]. F'dan ir-rigward il-P.L. Noel Scerri, rapprezentant tas-socjetà attrici, xehed *bhalma jidher mill-avviz it-talba qieghda ghal servizz moghti f'hames linji. L-ahhar pagament ghas-servizz 322792 sar fis-27 ta' Frar 1998. Ghal dak li jirrigwarda s-servizzi tat-322794/95 l-ahhar pagament sar fl-istess data u cioè 27 ta' Frar 1998. Ghas-servizz 322800 l-ahhar pagament sar fil-15 ta' Lulju 1998. U ghas-servizz 322793 l-ahhar pagament sar fis-17 ta' Frar 1998. Qabel ma ghalqu l-hames snin saret ittra ufficjali kontra z-zewg konvenuti datata 31 ta' Mejju 2002 li giet notifikata fis-6 ta' Gunju 2002. … Din il-kawza giet intavolata fil-15 ta' Marzu 2007 qabel ma ghalqet it-tieni skadenza ta' hames snin*[10]*.*

Il-Qorti però ma taqbilx ghal kollox ma' dak pretiz mis-socjetà attrici.

Kif jirrizulta mill-*istatements of account* esebiti mis-socjetà attrici a fol. 2 sa' 6 tal-process[11], is-socjetà attrici qed titlob hlas ta' diversi kontijiet datati bejn it-2 ta' April 1996 (l-iktar

---

[7] Martin Aquilina v. Christopher Friggieri, Appell Civili Nru. 383/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.
[8] Maltacom p.l.c. v. Albert Grech et, Avviz Nru. 2/99, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Gunju 2001.
[9] Dok. "X" a fol 35 tal-process.
[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2008, fol. 31 tal-process.
[11] Dok. "A" sa' Dok. "E".

wiehed antik) u l-14 ta’ Settembru 1999 (l-iktar wiehed recenti) relattivi ghal hames lini tat-telefon. It-terminu preskrittiv ta’ hames snin japplika ghal kull wiehed minn dawn il-kontijiet individwalment ghaliex kull kont jifforma kreditu ghalih u ghalkemm ma giex kontestat li gew effettwati diversi pagamenti fl-1998 fuq il-hames linji in kwistjoni, ma jirrizultax li dawn il-hlasijiet saru jew gew allokati akkont ta’ xi wiehed jew iktar mill-kontijiet mertu ta’ dawn il-proceduri. B’hekk ma jistghax jinghad li dawk il-pagamenti interrompew il-preskrizzjoni ghall-kontijiet li taghhom is-socjetà attrici qed titlob il-hlas bl-azzjoni odjerna.

Fid-dawl ta’ dan ghalhekk, ghalkemm jirrizulta li giet ipprezentata ittra ufficjali fil-31 ta’ Mejju 2002 u din giet notifikata fis-6 ta’ Gunju 2002, it-talba tas-socjetà attrici in kwantu rigwarda l-kontijiet datati 2 ta’ April 1996 u 29 ta’ Gunju 1996, fl-ammonti ta’ Lm267.82[12], Lm107.58[13], Lm127.90[14], Lm196.14[15] u Lm223.83[16], hija bla dubju ta’ xejn preskritta.

Is-socjetajiet konvenuti jeccepixxu wkoll illi s-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u li fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mis-socjetà attrici jrid jigi vverifikat u jrid jigi stabbilit li s-socjetajiet konvenuti jew xi hadd minnhom huwa responsabbli ghall-ammont mitlub.

Fir-rigward ta’ dawn iz-zewg eccezzonijiet is-socjetà attrici – tramite r-rapprezentant taghha l-P.L. Noel Scerri – tikkontendi li s-socjetà I.R.I.S Limited kienet u ghadha r-*registered subscriber* tal-linji tat-telefon mertu tal-kontestazzjoni u s-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited assumiet il-kontijiet relattivi ghal dawn il-linji a bazi ta’ struzzjonijiet moghtija minn Tonio Ciantar b’ittra datata

12 Dok. “B” a fol. 3 tal-process.
13 Dok. “C” a fol. 4 tal-process.
14 *Ibid.*
15 Dok. “D” a fol. 5 tal-process.
16 *Ibid.*

13 ta' Awissu 1996[17], u huwa ghalhekk li l-azzjoni attrici giet istitwita fil-konfront taghhom it-tnejn[18].

Da parte tieghu Tonio Ciantar, Direttur taz-zewg socjetajiet konvenuti, jikkontendi li l-linji tat-telefon mertu tal-kontestazzjoni qatt ma kienu rregistrati fuq is-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited izda kienu registrati fuq I.R.I.S Software Limited. Rigward l-ittra tat-13 ta' Awissu 1996 Tonio Ciantar jghid *din l-ittra harget mis-socjetà Iris Software Limited. Is-socjetà The Nicholsons Supermarket Limited qatt ma assumiet l-ebda responsabbiltà biex thallas il-kont tat-telephone ta' Iris Software Limited u lanqas naf li tezisti xi ittra fejn The Nicholsons Supermarket Limited setghet assumiet dan l-obbligu fuqha. Jiena rrid nghid li s-socetà Iris Software Limited kienet taghmel is-software ghas-socjetà The Nicholsons Supermarket Limited. Is-socjetà Iris Software Limited kont fi shab jiena ma' tnejn minn nies ohra. L-ufficcju ta' Iris Software Limited huwa adjacenti ghall-head office ta'* Nicholsons The Supermarket Limited *u billi dawn huma tip ta' nies li jahdmu kontinwament u lanqas ghandhom nozzjoni tal-hin jiena bhala The Nicholsons Supermarket Limited hadt l-inizzjativa biex lis-socjetà attrici nghidilha tibghat il-kontijiet ta' Iris Software Limited fl-ufficcju ta' The Nicholsons Supermarket Limited. Jiena dana ghamiltu biex inkun naf x'inhi s-sitwazzjoni biss u bl-ebda mod b'din it-talba ma ridt li The Nicholsons Supermarket Limited tassumi r-responsabbiltà biex thallas il-kontijiet tat-telephone ta' Iris Software Limited. Irrid nikkoregi ruhi illi t-talba lis-socjetà attrici ma kenitx saret fuq inizzjativa ta' The Nicholsons Supermarket Limited izda fuq inizzjativa tieghi personali bhala wiehed mix-shareholders ta' Iris Software Limited u dana kif jidher car mill-ittra li qed nikteb bhala managing director tas-socjetà Iris Software Limited. Apparti din l-ittra ma kien hemm l-ebda talba ohra maghmula lis-socjetà attrici*[19]*.*

---

[17] Dok. "NS" a fol. 33 tal-process.

[18] Xhieda moghtija mill-P.L. Noel Scerri waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2009, fol. 38 sa' 39 tal-process.

[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010, fol. 49 sa' 52 tal-process.

In kontro-ezami kompla jixhed illi *regghet qed issirli referenza ghall-ittra a fol. 33 tal-process partikolarment fejn f'dik l-ittra jiena ghidt illi l-premises li kienet tokkupa Iris Software Limited ma kienux ghadhom iktar uzati minnha izda kienu ttiehdu minn The Nicholsons Supermarket Limited u f'dawn il-premises kien hemm registrati n-numri tat-telephone meritu tal-kontestazzjoni. Jiena irrid nghid li b'daqshekk The Nicholsons Supermarket Limited ma ridietx u ma kienetx qed tassumi responsabbiltajiet biex thallas il-kontijiet tat-telephone ta' Iris Software Development Limited. Dak iz-zmien The Nicholsons Supermarket Limited kienet hadet over the administration, konna hadna over bhala The Nicholsons Supermarket Limited l-amministrazzjoni kollha kemm hi tas-socjetà Iris Software Development Limited. Jiena nghid li dik l-ittra fil-fatt mhix miktuba b'mod felici ghaliex kieku m'ahniex qeghdin hawn niddibattu dwar minn min ghandhom jithallsu l-ammonti mitluba mis-socjetà attrici izda nibqa' ninsisti li The Nicholsons Supermarket Limited qatt ma assumiet l-ebda responsabilità fil-konfront tas-socjetà attrici. Fil-fatt l-istess socjetà attrici dawk in-numri tat-telephone qatt ma qalbithom minn fuq Iris Software Development Limited ghal fuq The Nicholsons Supermarket Limited. Is-socjetà Iris Software Development Limited waqfet topera zgur meta kien hemm ic-changeover ghall-euro. Bejn Awissu 1996 jigifieri d-data meta ntbaghtet l-ittra a fol.33 tal-process sac-changeover fil-euro s-socjetà Iris Software Development Limited kienet baqghet topera. Bejn l-2001 u l-2002 is-socjetà Iris Software Limited ma baqghetx topera aktar mill-premises fil-Plaza izda marret f'premises ohrajn. Irrid nghid illi bejn Awissu 1996 sa' meta fil-fatt inqatgha s-servizz tat-telephone minhabba n-nuqqas ta' hlas dana kienet qed taghmel uzu mill-linji in kwistjoni Iris Software Limited. Ghalkemm l-ittra a fol.33 tal-process turi l-istess indirizz kemm ghall-Iris Software Development Limited kif ukoll ghal Nicholsons The Supermarket Limited dawn bhala fatt kienu zewg ufficini differenti. Irrid nghid illi però meta jiena ghidt f'dik l-ittra illi the premises have been taken over minn The Nicholsons Supermarket Limited irrid infisser li dak iz-zmien il-lease hold ta' dak l-ufficju li qabel kien ta'*

*Iris Software Limited ittiehed minn Nicholsons The Supermarket Limited*[20].

Mill-kontestazzjonijiet rispettivi tal-partijiet kontendenti huwa evidenti li l-kwistjoni kollha dwar jekk is-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u dwar minn mis-socjetajiet konvenuti ghandu jhallas l-ammont pretiz mis-socjetà attrici, tirrivolvi madwar l-ittra tat-13 ta' Awissu 1996 u l-import ta' l-istess.

Wara li qieset bir-reqqa l-kontenut ta' l-ittra tat-13 ta' Awissu 1996 u wara li ikkunsidrat ix-xhieda moghtija minn Tonio Ciantar, il-Qorti hi tal-fehma li dik l-ittra effettivament tikkostitwixxi assunzjoni da parte tas-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited ta' l-obbligu li thallas ghas-servizz tat-telefon fuq il-hames linji mertu ta' dawn il-proceduri b'effett mit-13 ta' Awissu 2006 'l quddiem.

Ghalkemm l-ittra inharget fuq *letter head* tas-socjetà IRIS Software Limited, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-firmatarju Tonio Ciantar kien Direttur kemm ta' dik is-socjetà kif ukoll tas-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited. Fic-cirkostanzi ghalhekk is-semplici intestatura ta' l-ittra ma tistax isservi bhala mezz biex l-obbligazzjonijiet ferm cari li jirrizultaw mill-korp ta' l-ittra jigu imwarrba w injorati. La Tonio Ciantar kien Direttur taz-zewg socjetajiet ma kienx hemm il-htiega ta' ittra ohra fuq *letter head* tas-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited biex ikun hemm l-assunzjoni ta' l-obbligu tal-hlas ghaliex l-obbligazzjonijiet jitwieldu mill-korp ta' l-att innifsu u mhux mill-intestatura tieghu. Apparte minn hekk l-ispiegazzjonijiet li Tonio Ciantar ta biex jispiega dak li skond hu kien il-veru import ta' l-ittra tat-13 ta' Awissu 1996 ma humiex affattu kredibbli w anke sa certu punt inkonsistenti. L-unika interpretazzjoni logika li tista' tinghata lill-kontenut ta' dik l-ittra hija appuntu li peress illi s-socjetà IRIS Software Limited ma kenitx ser tibqa' taghmel uzu mill-fond fejn kien hemm il-linji telefonici in kwistjoni u dan kien ser jibda jigi wzat mis-socjetà

[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010, fol. 49 sa' 52 tal-process.

Nicholsons The Supermarket Limited, din l-ahhar socjetà assumiet l-obbligu tal-hlas ghas-servizzi telefonici f'dak il-fond minflok IRIS Software Limited.

Ghalkemm hemm gurisprudenza li tghid li r-*registered subscriber* huwa dejjem responsabbli ghall-hlas tal-kont tas-servizz moghti, juzah minn juzah dak is-servizz, il-Qorti ma tqisx li tali principju huwa applikabbli fil-kaz in ezami, ghall-inqas ghal dak li jirrigwarda s-servizz moghti b'effett mit-13 ta' Awissu 1996 'il quddiem. Ghad illi ma jirrizultax li wara li rceviet l-ittra tat-13 ta' Awissu 1996 is-socjetà attrici formalment ittrasferiet is-servizz tal-linji tat-telefon mertu tal-kontestazzjoni minn fuq is-socjetà IRIS Software Limited ghal fuq is-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited, jirrizulta però li l-istess socjetà attrici accettat li l-hlasijiet jibdew isiru mis-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited tant illi kif xehed il-P.L. Noel Scerri s-socjetà attrici bdiet tibghat il-kontijiet lis-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited kif mitlub[21].
Il-Qorti assolutament ma taqbilx mas-socjetà attrici li f'nifs wiehed – tramite r-rapprezentant taghha – tgid li s-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited assumiet il-kontijiet tal-linji tat-telefon mertu tal-kontestazzjoni izda b'daqshekk ma jfissirx li assumiet id-djun tas-socjetà l-ohra jew saret ir-*registered user.* Jigi ribadit li b'effett mit-13 ta' Awissu 1996 l-obbligu tal-hlas tal-kontijiet relattivi ghall-linji tat-telefon mertu tal-kontestazzjoni gie assunt mis-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited, liema assunzjoni giet accettata mis-socjetà attrici. B'hekk hija s-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited u dik is-socjetà biss li hija obbligata thallas l-ammonti relattivi ghall-kontijiet li hargu wara t-13 ta' Awissu 1996, ammontanti ghal Lm845.06[22], Lm415.84[23], Lm252.14[24], Lm502.15[25] u Lm96.74[26].

---

21 Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2009, fol. 38 u 39 tal-process.
22 Kontijiet datati 10.06.97, 23.07.097, 02.11.97, 01.01.98, 10.04.98, 15.07.98 u 14.09.99 – Dok. "A" a fol. 2 tal-process.
23 Kontijiet datati 10.06.97, 02.11.97, 01.01.98, 10.04.98 u 15.07.98 – Dok. "B" a fol. 3 tal-process.
24 Kontijiet datati 10.06.97, 02.11.97, 01.01.98, 10.04.98 u 15.07.98 – Dok. "C" a fol. 4 tal-process.
25 Kontijiet datati 10.06.97, 02.11.97, 01.01.98, 10.04.98, 15.07.98 u 19.02.07 – Dok. "D" a fol. 5 tal-process.

In kwantu rigwarda l-kontijiet li hargu qabel it-13 ta' Awissu 1996, oltre l-fatt li t-talba attrici hija fir-rigward ta' tali kontijiet preskritta, l-istess talba fi kwalunkwe kaz ma tistax tigi milqugha ghaliex mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' Tonio Ciantar u mill-*istatements of account* esebiti mis-socjetà attrici, jirrizulta li originarjament is-servizzi tat-telefon in kwistjoni kienu provdut mis-socjetà attrici lis-socjetà IRIS Software Limited u mhux lis-socjetà I.R.I.S Limited imharrka f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha limitatament fil-konfront tas-socjetà konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited u biss ghas-somma ta' €4,919.47, ekwivalenti ghal Lm2,111.93.

Is-socjetà attrici titlob ukoll li s-socjetà responsabbli ghall-hlas tigi kkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 31 ta' Mejju 2002, kompriza t-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri w l-ittra ufficjali.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li ai termini ta' l-Artikolu 7 ta' l-Ewwel Taqsima ta' l-Erbghatax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li japplika ghal kull kawza ghall-hlas ta' drittijiet ta' servizzi professjonali maghmula kontra persuna li ma tkunx dik il-persuna li lilha tkun saret il-provvista tas-servizzi, *il-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza ma ghandhiex tkun marbuta li thallas l-ammont li jirreferi ghat-taxxa, jekk ikun hemm, li ghandha tithallas fuq il-provvista ta' dawk is-servizzi sakemm l-original tal-fattura ta' taxxa jew ricevuta fiskali ghal dawk is-servizzi kif mitlub fid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din il-partita ma tinghatax lilha, jew, fejn il-kawza tkun saret kontra ghadd ta' persuni flimkien, lil xi wiehed minnhom.*

---

[26] Kontijiet datati 15.07.98, 25.09.98, 11.11.98, 16.01.99, 19.03.99, 11.05.99, 06.07.99 u *account payment reversal* – Dok. "E" a fol. 6 tal-process.

Il-paragrafu (b) ta’ l-imsemmi artikolu jipprovdi li *fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali moghtija skond kif imsemmi hawn fuq ghandu jkun fiha, minbarra t-taghrif mehtieg skond l-Att – (i) id-dikjarazzjoni li tidher hawn taht iffirmata mill-persuna li lilha jkunu inghataw l-imsemmija servizzi: “Niddikjara li ebda kreditu ghall-input tax ma ntalab jew ser jintalab lura minni fir-rigward tas-servizzi professjonali li ghalihom tirreferi din il-fattura ta’ taxxa/ricevuta fiskali”; (ii) meta l-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza jew it-talba tkun persuna registrata taht l-Artikolu 10, jew, meta l-kawza tkun saret kontra ghadd ta’ persuni flimkien, jekk xi wiehed minnhom ikun persuna registrata taht l-Artikolu 10, l-isem u n-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ta’ l-imsemmija persuna registrata.*

Huwa biss meta *fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali ghall-hlas ta’ servizzi professjonali li tkun tikkonforma mad-disposizzjonijiet tal-paragrfu (b) ta’ din il-partita tinghata lil persuna taxxabbli li hi marbuta bil-ligi li thallas jew tirrifondi l-imsemmi hlas din ghandha ghall-ghanijiet ta’ dan l-Att titqies daqslikieku kienet fattura ta’ taxxa ghal servizzi professjonali provduti lilha* – Artikolu 7(c).

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi johrog car li l-hlas da parte tas-socjetà konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited tat-taxxa fuq il-valur mizjud relattiva ghad-drittijiet professjonali in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri u ma’ l-ittra ufficjali datata 31 ta’ Mejju 2002, ma hijiex kwistjoni li ghandha tigi deciza w imposta mill-Qorti fis-sentenza Taghha izda, tali hlas jista’ jintalab minghand dik is-socjetà kemm-il darba dak dispost fil-Ligi jigi segwit minnha. Fid-dawl ta’ dan ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tat-talba partikolari tas-socjetà attrici biex is-socjetà konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited tigi kkundannata thallas it-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri u l-imsemmija ittra ufficjali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti, tilqa’ in parte it-tielet u raba’ eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet konvenuti u

tichad it-tieni eccezzjoni minnhom sollevata, u tilqa’ t-talba attrici limitatament fil-konfront tas-socjetà konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited u biss ghas-somma ta’ €4,919.47 u tikkundanna lis-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €4,919.74, bl-imghax legali dekoribbli mill-31 ta’ Mejju 2002 (id-data ta’ l-ittra ufficjali) sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawn il-proceduri, filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjetà attrici biex is-socjetà Nicholsons The Supermarket Limited tigi kkundannata thallas it-taxxa fuq il-valur mizjud in konessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri u l-ittra ufficjali datata 31 ta’ Mejju 2002, tiddikjara u tiddeciedi li l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawn il-proceduri jigu sopportati in kwantu ¼ mis-socjetà attrici u ¾ mis-socjetà konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------